MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2013

Rikors Numru. 123/2013

Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
vs
Charles Sammut

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti li bih esponiet:

Illi in forza ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti Nutar Dottor Rachel Busuttil datat 23 ta' Ottubru, 2009 (Dok "A"), l-intimat iddikjara ruhu veru, cert u likwidu debitur tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' mija u tnejn u tmenin elf, mija u disgha u tletin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€182,139.22) flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri sal-jum tal-pagament effettiv.

Illi d-debitu ta' l-intimat tas-socjeta` rikorrenti llum jammonta ghas-somma ta' mija u tnejn u tmenin elf, mija u disgha u tletin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu

(€182,139.22), flimkien mal-ispejjez u mal-imghax ulterjuri mit-23 ta’ Ottubru, 2009 sal-jum tal-pagament effettiv;

Illi ghaddew aktar minn tlett (3) snin minn meta l-kuntratt fuq imsemmi seta’ jigi ezegwit u d-debitu ta’ l-intimat ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti tawtorizzaha tezegwixxi l-kuntratt datat 23 ta’ Ottubru, 2009 in atti Nutar Dottor Rachel Busuttil (Dok. “A”) fl-ismijiet fuq imsemmija, bl-ispejjez kontra l-istess intimat.

Rat id-dokument prezentat mis-socjeta` rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat li l-intimat debitament notifikat skond il-ligi ma pprezenta ebda risposta u ghalhekk baqa’ kontumaci.

Xehedet Rose Cortis, *Litigation Officer* mal-*Bank Of Valletta* u kkonfermat li ma sar ebda depozitu u l-bilanc ghadu kollu dovut, mitlub *plus* l-imghax.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq kontumacja ta’ l-intimat, it-talba tal-bank rikorrenti tidher gustifikata u l-Qorti qed tilqaghha filwaqt li tawtorizza lill-bank rikorrenti tezegwixxi l-kuntratt datat 23 ta’ Ottubru, 2009 in atti Nutar Dottor Rachel Busuttil fl-ismijiet fuq imsemmija.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------